MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Numru. 563/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**Reverendu Giuseppe Buttigieg bin Salvatore u Angela Buttigieg, imwieled fl-erbatax ta' April, 1933 u residenti 103A, Triq Belveder, Qala, Ghawdex detentur tal-Karta tal-Identita' numru 36133 (G)**

**Seduta ta' llum 9 ta' Marzu, 2006**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **REV GIUSEPPE BUTTIGIEG** bin Salvatore u Angela Buttigieg, imwieled fl-erbatax ta' April, 1933 u residenti 103A, Triq Belveder, Qala, Ghawdex detentur tal-Karta tal-Identita' numru 36133 (G) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sbatax (17) ta'

Ottubru, 2005 ghal habta tas-sitta u hamsa u erbghin minuta ta' fil-ghaxija (6:45p.m.) matul Triq il-Belveder, Qala, Ghawdex saq vettura nru. JBB 274:

1. B'manjiera perikoluza;

2. Talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat u kkaguna hsara fuq m'cycle FAO 173 ghad-dannu ta' Michelle Refalo mir-Rabat, Ghawdex;

3. Talli kkaguna offiza ta' natura gravi 'per durata' fuq il-persuna ta' Michelle Refalo skond kif iccertifika Dr. P. Muscat mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Semghet lil Doctor Chris Said jirregistra ammissjoni ghan-nom tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u dan wara li nforma lil Qorti li kien debitament awtorizzat biex jidher ghan-nom tal-imputat.

**Il-Qorti**, ghalhekk, fuq ammissjoni, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1) tal-Kap 65 u l-artikoli 328(b)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat REVERENDU GIUSEPPE BUTTIGIEG hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira maltin u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' gimgha mill-lum ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------